**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Marzu, 2021**

**Avviz Numru 5/2021**

**Executive Aviation Malta Limited C50134**

**Vs**

**Air X Company Limited (C59616)**

Il-Qorti,

Rat l-Avviz tas-socjeta' attrici pprezentat fis-6 ta' Jannar, 2021 li permezz tieghu talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m' ghandiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti sabiex thallas lis-socjeta' Attrici:

*"Thallsu s-somma ta' erbatax -il elf, erba' mija u tletin euro u hamsa u hamsin centezmu (€14,430.55) ammont dovut rapprezentanti servizzi moghtija lilkom, fuq ordni taghkom stess, kollox skond kif jidher mill-istatements relattivi gia fil-pussess taghhom li qed jigu hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok A.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 16 ta' Dicembru 2020 (annessa, esebit u mmarkat bhala Dok B( kif ukoll dawk tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li mija jibqaw ingunti ghas-subizzjoni taghhom"*

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata fit-22 ta' Jannar, 2021 baqghet ma dehritx quddiem din il-Qorti sabiex tikkontesta l-kawza u lanqas ma prezentat ebda risposta.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2021 is-socjeta' konvenuta msejha diversi drabi ma dehritx u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lis-socjeta' Attrici fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta Kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta, liema Kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta, is-socjeta' Attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tikkonferma li ghandha thallas l-ammont pretiz flimkien mal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxxijiet legali.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta ghallum stess.

Rat illi fis-seduta tallum is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb ghad-domanda tas-socjeta' Attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali dispozizzjonijiet

huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] illi *"din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova pozittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhirlu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**[2]. In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu, jirrizulta li t-talba tal-Attur hija wahda fondata u li ma tresqet l-ebda prova li b' xi mod turi li dak li ntqal minnu m' ghandux mis-sewwa.

---

[1] AppellInferjuri, 28 t' April 1998
[2] Prim' Awla, 28 ta' Gunju, 1952

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erbatax -il 'elf, erba' mija u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€14,430.55) u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru, 2020 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax legali kif mitlub.

______________________

**Dr. Audrey Demicoli**

**Magistrat**

______________________

Graziella Abela

Deputat Registratur